MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Talba Numru. 146/2014

**Mobisle Communications Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Briffa Ellie**

**ID 356793M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Marzu, 2014 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' elfejn, erba' mija u sebgha u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2,447.23) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40189832 u A/C40190031 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C40189832 u Dok IZY 3 u Dok IZY4 - prospett u ftheim ghall-akkont bin-numru A/C40190031 u Dok IZY5 - estratt

mir-Registru elettorali, u Dok IZY6 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166a tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra il-konvenut bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-11 ta' April, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-11 ta' April, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elfejn, erba' mija u sebgha u erbghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€2,447.23) bl-imghax, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------